TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/154/15/S

Diana Bondin
Vs
Sagatex Company Limited

Illum 16 ta' Gunju, 2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Diana Bondin ipprezentata fit-18 t'Awwissu, 2015 u r-risposta tas-socjeta Sagatex Company Limited ipprezentata fis-7 ta'Settembru, 2015;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u l-avukati taghhom kif ukoll ix-xhieda mressqa u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tal-21 t'April, 2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'difett' ossia linja fi drapp li gie nnutat hekk kif il-purtiera tpoggiet mad-dawl;

Illi r-rikorrenti kkonfermat li hi ma kinitx rat id-drapp kollu li riedet meta hi ordnatu u lanqas kienet ezaminat l-istess purtiera meta marret tigborha;

Illi min-naha taghha, s-socjeta intimata insistiet li fil-hanut hemm tabella li tghid li l-materjal irid jigi iccekkjat qabel jingabar;

Illi jinghad mal-ewwel li tabella simili ma tezentax lill-kummercjant mill-obbligu li jaghti dak ordnat minghajr difetti u tal-kwalita pattwita;

Illi l-obbligu tal-prova jinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi inoltre dan l-artikolu, hemm ukoll l-artikolu 559 li jistipula li ghandha dejjem issir l-ahjar prova;

Illi r-rikorrenti fil-jum stess li gabret il-purtiera, infurmat lis-socjeta intimata bid-difett li ndunat bih meta dendlet l-istess purtiera;

Illi jinghad li d-difett hu wiehed minimu u ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn ghax ir-rikorrenti gabet il-purtiera u urietha lil dan it-Tribunal waqt is-smiegh tal-kaz;

Illi ghalkemm minimu u jidher biss fid-dawl, dan mhux accettabbli f'purtiera gdida li ghadha kemm giet mehjuta;

Illi d-difett kien hemm fil-mument tal-bejgh u dan inaqqas il-valur tal-oggett;

Illi kieku dan id-difett kien maghruf, l-oggett seta' jigi mixtri bi prezz inqas;

Illi dan it-Tribunal ihoss li dan id-difett (ghalkemm minimu), inaqqas il-valur tal-oggett, ghallinqas il-valur estetiku li hu fundamentali fl-uzu ta'purtiera;

Illi dawn il-principji huma sostnuti mit-taghlim ta' Cuturi[2];

---

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar, 2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

Illi jinghad ukoll li konsumatur ghandu jiccekkja dak kollu ordnat minnu u fil-kaz odjern, ir-rikorrenti setghet forsi tinduna bid-difett kieku ezaminat il-materjal kollu li xrat qabel dan intbaghat ghall-hjata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Diana Bondin filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Sagatex Company Limited u Jordna lis-socjeta Sagatex Company Limited thallas lil Diana Bondin is-somma ta' €263 u lil Diana Bondin biex tirritorna l-purtieri mixtrija, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[2] "**Della Vendita, Della Cessione e Della Permuta**", Napoli, Torino, 1915, pg.398 et seq.